MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2013

Numru. 497/2013

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Maurizio Massimiliano ta` 48 sena iben Giovanni u Luiga nee' Dellicolli, mwieled l-Italja nhar it-28 ta' Novembru 1964, residenti Poseidon Court flat 10, Triq Elia Zammit, San Giljan, u detentur tal-karta ta' identita bin-numru 11464A;

Talli;

1) Nhar il-5 ta' Marzu 2013 bejn il-11:30hrs u 11:55hrs mir-residenza bl-isem ta' Maria Goretti jinstab f'Tas-Sirena Rabat, Malta ikkommetta serq ta' flus, mobile

phones u arlogg, liema serq huwa aggravat bl-ammont li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha w disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz u bil-lok u dan ghad-detriment ta' Mario Micallef u/jew persuna/i ohra;

2) Aktar talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mil-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 269, 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tmintax- (18) il xahar prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**ANTHONY J. VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------